

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Celon Pharma S. A. (Łomianki, il-Polonja) (rappreżentant: M. Krasiński, avukat)*

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Awwissu 2016 (Każ R 2108/2015-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Glaxo Group u Celon Pharma.

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-31 ta' Awwissu 2016 (Każ R 2108/2015-4) hija annullata.*
- 2) *L-EUIPO għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk imġarrba minn Glaxo Group Ltd matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral.*
- 3) *Celon Pharma S.A. għandha tħalli l-ispejjeż tagħha relatati mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 23.1.2017.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-1 ta' Ġunju 2018 – Casual Dreams vs EUIPO – López Fernández (Dayaday)

(Kawża T-900/16) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Dayaday — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti DAYADAY u dayaday — Raġuni relativa għal rifjut — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar 1- Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Reputazzjoni — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti")*

(2018/C 249/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Casual Dreams, SLU (Manrèse, Spanja) (rappreżentant: A. Tarí Lázaro, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Palmero Cabezas, sussegwentement J. Crespo Carrillo, aġġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Miguel Ángel López Fernández (Fuensalida, Spanja)*

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Ottubru 2016 (Każ R 375/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Casual Dreams u M.A. López Fernández.

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-6 ta' Ottubru 2016 (Każ R 375/2016-2) hija annullata.*

- 2) L-EUIPO għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn *Casual Dreams, SLU*, inklużi dawk sostnuti minnha fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 95, 27.3.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-31 ta' Mejju 2018 – Consorzio di garanzia dell'olio extra vergine di oliva di qualità vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-163/17) <sup>(1)</sup>

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kampanji promozzjonalni simultanji taż-żejt taż-żebbuġa f’pajjiżi terzi, waħda, iffinanzjata mill-FEAG u intiża għall-promozzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li ġej mill-Ewropa, l-oħra, iffinanzjata mill-FAEŻR u intiża għall-promozzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li ġej minn Spanja —

Nuqqas ta' koordinazzjoni bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni inkarigati mill-ġestjoni taż-żewġ programmi — Dannu materjali — Telf tal-kuntratt u lucrūm cessans — Dannu morali — Ħsara għall-immaġni kummerċjali”)

(2018/C 249/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Consorzio di garanzia dell'olio extra vergine di oliva di qualità (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment A. Fratini u G. Pandolfi, sussegwentement A. Fratini avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lewis, D. Bianchi u F. Moro, aġenti)

**Sugġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab essenzjalment minħabba n-nuqqas ta' koordinazzjoni tad-dipartimenti tal-Kummissjoni inkarigati mill-ġestjoni tal-kampanji promozzjonalni taż-żejt taż-żebbuġa Ewropew u taż-żejt taż-żebbuġa Spanjol f’pajjiżi terzi (l-Indja, ir-Russja u ċ-Ċina), ikkofinanzjati minn fondi Ewropej, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' eliminazzjoni tad-distorzjonijiet tal-kompetizzjoni u effetti dannużi li rriżultaw minn dan.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Consorzio di garanzia dell'olio extra vergine di oliva di qualità għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 24.4.2017.